MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 460/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kevin J. Farrugia)**
**Vs**
**Joseph Oliver Ruggier**

Il-Qorti,

1.Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Joseph Oliver Ruggier detentur tal-karta tal-identita` numru 57843 (M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 ta' April, 2004 u fix-xhur ta' qabel bhala propjetarju w/jew amministratur u/jew direttur ta' Ruggier Holdings Company Limited, gewwa numru 7, Alley 3, Triq Sant'Andrija, Hal-Lija u fl-inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu b'rizoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti :
1. kellu fil-proprjeta` taht kontroll tieghu sors t'ilma tal-pjan u/jew ghamel haffer u/jew xort'ohra kiseb access ghall-istess sors minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorita` kompetenti jew xort'ohra naqas jgharraf lill-awtorita`

kompetenti li kellu tali sors u dan bi ksur ta’ l-artikoli 3, 4 u 8 ta’ l-Att numru XXIII/1991 (Ground Water Sources (Registration) Regulations 1997 (Avviz Legali 120 ta’ l-1997);
2. wettaq xi attivita` jew operazzjoni jew kien ingaggat f’xi attivita` jew operazzjoni tali, li tirrigwarda r-rizorsi ta’ l-energija, l-ilma u l-minerali meta ma kellux licenzja, permess jew awtorizzazzjoni ohra minghand l-Awtorita` ta’ Malta dwar ir-rizorsi u dan bi ksur tal-artikolu 26(1)(2) tal-Kap. 423.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Ottubru, 2010, li biha, ddikjarat lill-appellat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.

3. Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-4 ta’ Novembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentneza appellata u minflok illi ssib lill-imputat appellat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tinfliggi fuqu l-piena u l-konsegwenzi idoneji kollha skond il-Ligi.

4. Fliet l-atti kollha processwali.

5. Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

7. Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti u cioe':-

8. L-esponent jaqbel mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li r-Regolamenti tal-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni tas-Sorsi tal-Ilma ta’ taħt l-art ġew imħasra bl-avviż legali 255 tal-2008. Dawn ir-regolamenti reġgħu daħħlu mill-ġdid termini ta’ żmien li fihom l-obbligu ta’ notifika lill-awtorita kompetenti ta’ sorsi t’ilma fi proprjetajiet privati setgħha jiġi mwettaq. Dan wara li t-termini ta’ żmien għall-skop simili introdotti bir-regolamenti tal-1997 kienu skadew ġmielhom. Dawn

ir-regolamenti tal-2008 għalkemm jagħmluha ċara li r-reolamenti tal-1997 kienu qed jiġu mħassra, ma jgħidu xejn dwar azzjonijiet penali li jkunu ġew istitwiti legalment kontra persuni minħabba ksur tad-disposizzjonijiet tar-regolamenti tal-1997 fiż-żmien meta tali regolamenti kienu fis-seħħ. L-anqas ma jipprovdu disposizzjoni li b'xi mod tgħid li dawn ir-regolamenti għandhom is-saħħa li jissanaw il-posizzjoni legali ta' min ikun fi stat ta' ksur ta' Liġi qabel id-daħla fis-seħħ tagħhom u li kontra tagħhom tkun inbdiet proċedura penali quddiem il-Qrati.

9. Bid-daħla fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, dawk li kienu fi stat ta' ksur ta' Liġi, ingħataw il-possibilita' li ma jibqgħux aktar f'dak l-istat ta' ksur ta' Liġi mill-mument tan-notifika taħt ir-regolamenti l-ġodda 'l quddiem – u ċjoe' minn meta huma "jirregolarizzaw" il-pożizzjoni legali tagħhom. Biss ir-regolamenti l-ġodda ma jsemmux espliċitament li kienu qegħdin itemmu r-responsabbilita' penali naxxenti mill-ksur tal-Liġi preċedenti f'dawk il-proċeduri li jkunu diġa inbdew jew li l-prosekuzzjonijiet korrenti u pendenti kellhom jieqfu. Din ma kienetx l-intenzjoni tal-leġislatur, għaliex fil-Liġi ma semma xejn minn dan. Fl-umli fehma tal-esponent, mhux possibbli li tali sanatorja tkun kunsidrata impliċita sempliċiment għax ir-regolamenti preċedenti jkunu ġew imħasra bir-regolamenti l-ġodda li ma jkun fihom ebda dispożizzjoni tranżitorja dwar l-istess responsabbilita. Apparti minn hekk l-obbligu tan-notifika tas-sorsi tal-ilma maħluq bir-regolament 3 tal-Avviż Legali 255 tal-2008, u r-reat maħluq bir-regolament numru 8 tal-istess regolamenti, ma jinnewtralizzawx ir-responsabbilita penali ta' min kien fi stat ta' ksur tal-Liġi u li għal dan il-ksur kien hemm proċeduri pendenti – anke peress li kien jirriżulta li mhux biss kien hemm nuqqas ta' awtorizzazzjoni għaż-żamma tal-istess "bore hole" talli kien hemm provi inekwivoċi li kien hemm użu tal-istess "bore hole" bl-ilma li kien qed jiġi estratt mill-istess.

10. Fir-rigward tal-fatti tal-każ, l-esponent ma jistax jaqbel mal-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn tenniet li "*ma rrizultax b'mod skjett u minghajr dubju li kien qed jittella ilma mil-imsemmija borehole*". L-ewwelnett l-esponent itenni li f'każ ta' natura penali il-grad ta' prova

rikjest mill-prosekuzzjoni huwa dak li tikkonvinci lil min irid jiġġudika dwar il-fatti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, u mhux "minghajr dubju" jew "b'mod skjett", kif dik il-Qorti tenniet.

11. Inoltre, jekk wieħed janalizza l-provi kollha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kien hemm evidenza konsistenti kemm fil-proċess verbal, kif ukoll fid-deposizzjonijiet viva voce tax-xiehda Manuel Sapiano u Vincent Ciliberti dwar il-fatt li kien jittella u jiġi wżat ilma mill-borehole. Dik il-Qorti kkonkludiet li l-prosekuzzjoni ma pruvatx sal-grad rikjest mill-Liġi li fil-fatt l-imputat appellat kien qieħed juża l-borehole u jtella' ilma minnha. Biss il-kumpless tal-provi juru xort'oħra. Jirriżulta li :
(a) a fol 9 tal-proċess verbal xehed l-istess imputat appellat li għall-mistoqsija tal-Ispettur Kevin Farrugia rigward pipe tat-30mm li sa siegħa qabel (l-aċċess) kien ħiereġ l-ilma minnu u li waqt l-aċċess fuq il-post l-ilma twaqqaf, it-tweġiba tal-imputat kienet li ma kienx jaf min fetaħ jew għalaq l-ilma – (u mhux li ma kienx hemm ilma li kien ħiereġ mill-istess pipe). Ta' min jgħid li mill-provi jirriżulta li minn dan il-pipe kien jiġi estratt l-ilma mill-"bore hole".

(b) A fol 10 tal-proċess verbal, apperti li l-imputat appellat ammetta li kien huwa l-amministratur tal-ġnien de quo, għall-mistoqsija tar-rappreżentant tal-MRA **<u>ammetta</u>** li s-sors tal-ilma fil-ġnien kien minn "bore hole" li jmur f'ġiebja kbira.
(c) Apparti minn hekk l-imputat jammetti wkoll li ma kienx irreġistrat l-"bore hole" taħt ir-reġim legali tal-1997 għaliex ma kienx jaf bir-regolamenti – biss, *ignorantia iuris, neminem excusat*.

(d) Inoltre, a fol 12 tal-proċess verbal, waħda mill-kostatazzjonijiet tal-Perit Vincent Ciliberti kienet li "…*ftit distanza bogħod hemm cover tal-pastic (sic), speċi ta' manhole, li tgħatti l-borehole ta' ċirka tlettax- il ċentimetru diametru, f'liema borehole niżel pipe tat-30mm u biħ permezz ta pompa jittella l-ilma u possibilment permezz ta' submersible pump fil-borehole. Illi l-ilma li jittella jinġabar f'ġiebja fl-istess ġnien li biħ isir kemm it-tisqijja u*

*kif ukoll x-xorb li jingħata lil bhejjem u tjur fil-ġnien…Illi mix-xhieda miġbura, is-sur Ruggier filwaqt li ma ċaħadx li kien jaf bil-borehole, innega li hu kien il-persuna li ħaffer il-borehole, u xehed li hu akkwista l-ġnien mingħand terzi bil-borehole fih*".

(e) Aktar il-quddiem fil-konklużjonijiet tiegħu il-Perit Vincent Ciliberti jgħid : "*Illi mill-fatti kollha li ġew a konjizzjoni tal-esponent, l-inkwirenti jikkonkludi li m'hemm ebda dubju li fil-ġnien teżisti borehole, liema borehole mhix reġistrata (sic) mal-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll li min din il-borehole jissaqqa l-ġnien u jgħixu l-annimali u t-tjur li hemm fil-ġnien. Dan lanqas ma ġie miċħud mis-sur Oliver Ruggier, li f'idejh għandu l-amministrazzjoni tal-borehole, anzi b'insistenza xehed li l-borehole (sic) kienet hemm meta hu, f'ismu, kien akkwista il-ġnien mingħand Ashdale Development Co. Ltd.*"

(f) Veru li l-istess Perit a fol 58, fl-24 ta' Settembru 2009, jixhed li "*Le, ma nistax ngħid li rajt borehole qed tintuża. Naf li kien hemm borehole pero'.*" Biss mir-relazzjoni tiegħu stess magħmula rigward l-aċċess fuq il-post, li kienet saret ħames snin qabel, jirriżulta ampjament li mhux biss kien hemm din il-borehole, iżda wkoll li kienet intużat kif intqal aktar 'il fuq.

(g) Manuel Sapiano li xehed a fol 23 tal-proċess, jixhed li "*Meta morna fuq il-post sibna borehole. Jiena staqsejt lis-Sur Ruggier jekk jittellax ilma minn din il-Bore Hole. Huwa kkonfermali li din kienet bore hole u li kien jittella' l-ilma minnha*". Dan huwa korroborat bil-verżjoni tal-istess Ruggier fl-inkjesta Maġisterjali hawn fuq imsemmija.

(h) Apparti minn hekk jirriżulta wkoll li hemm diversi ritratti miġbuda minn PS612, Theo Vella, li mhux biss juru l-eżistenza ta' din il-borehole, iżda wkoll il-kwantitajiet ta' ilma li kienu jittellgħu għal ġibjun.

12. Fid-dawl ta' dawn il-provi, bid-dovut rispett qed jiġi sottomess li l-konklużjoni li l-imputat appellat ma kienx qed itella' ilma u juża l-borehole hija legalment u manifestament żbaljata.

13.Ta' min jgħid li r-regolamenti kemm tal-1997 kif ukoll tal-2008 huma intiżi sabiex riżorsa daqstant prezzjuża f'dawn il-Gżejjer, bħal ma hija dik tal-ilma tal-pjan, ma tiġix sfruttata ħażin a skapitu tas-soċjeta ġenerali. Issa bir-rispett kollu f'dan il-każ jirriżulta ċar li l-imputat appellat, mhux biss bil-provi kien qiegħed iżomm "bore hole" fil-proprjeta tiegħu, mhux biss ma kienx irreġistraha taħt ir-regolamenti tal-1997, iżda wkoll kien uża din il-"bore hole" billi tella' ilma tal-pjan.

14. F'dan is-sens l-esponent itenni li fil-fatt, minkejja l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha, l-imputat appellat fil-fatt wettaq xi attivita jew operazzjoni, jew kien ingaġġat f'xi attivita jew operazzjoni tali, li tirrigwarda r-riżorsi tal-enerġija, l-ilma u l-minerali meta ma kellux liċenzja, permess jew awtorizzazzjoni oħra mingħand l-Awtorita ta' Malta dwar ir-Riżorsi u dan bi ksur tal-artikolu 26(1) u (2) tal-Kap 432 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan peress li huwa, ex admissis, kif korroborat mill-evidenza l-oħra aktar il-fuq imsemmija, kien wettaq attivita jew operazzjoni li tirrigwarda l-ilma meta ma kellux liċenzja, permess jew awtorizzazzjoni oħra mingħand l-Awtorita ta' Malta dwar ir-Riżorsi.

15. Fis-sentenza tagħha dik il-Qorti ikkonkludiet li dan ma kienx il-każ peress li Dr. John Mangion, Direttur tal-Awtorita ta' Malta dwar ir-Riżorsi kien xehed li fl-2004 l-unika attivita rigwardanti l-użu tal-ilma li kienet tirrikjedi l-ħruġ ta liċenzja mill-Awtorita kien għal finijiet ta' użu ta' swimming pool, u li fil-proċeduri de quo bl-ebda mod ma ġie pruvat li l-imputat kien qed jagħmel użu mill-ilma għal swimming pool jew li kien hemm xi swimming pool fil-ġnien in disamina. U anke jekk fi kwalunkwe każ kellu jitqies li l-attivita tat-tisqijja tas-siġar bl-ilma li jittella mill-borehole kienet tirrikjedi liċenzja, kif intqal qabel għall-finijiet tal-ewwel imputazzjoni, mill-provi bl-ebda mod ma rriżulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat kien qed itella l-ilma mill-borehole u jagħmel użu minn tali ilma.

16. Bid-dovut rispett l-esponent ma jaqbilx ma dik il-Qorti fuq dawn il-punti għar-raġunijiet li ġejjin : -

a. qabel xejn m'hemm xejn fil-liġi li tgħid li l-liċenzja tinħareġ biss għall-fini ta' użu ta' ilma għall-swimming pools. Fil-fatt Dr. Mangion, (minkejja t-titubanza li wera matul id-deposizzjoni tiegħu fejn kemm il-darba tenna li ma kienx qed jifhem il-mistoqsijiet), veru li jgħid li wieħed ried liċenzja għall-użu tal-ilma għal swimming pools – u fil-fatt kienet tinħareġ liċenzja għal dan l-iskop biss. Jirriżulta li l-imputat appellat ma kellux liċenzja la biex juża ilma għal swimming pools, u l-anqas għall-użu tal-ilma għal raġunijiet oħrajn. Hawnhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) interpretat skorrettement l-artikolu 26 tal-Kapitolu 423. Attivita jew operazzjoni li tirrigwarda l-ilma skond din il-Liġi ma tfissirx biss użu ta' swimming pools. Tinkludi użu ta' ilma għal swimming pools, pero mhux biss – dan għaliex l-istess Liġi ma tagħtix tifsira ta' attivita jew operazzjoni. Dan ifisser li jekk l-imputat appellat ma kellux awtorizzazzjoni jew liċenzja sabiex iwettaq attivita' jew operazzjoni, kemm jekk relatata ma swimming pools, u kemm jekk le, huwa ma setgħax juża jew itella' ilma mill-imsemmija borehole.

b. Għar-raġunijiet elenkati aktar 'il fuq, fl-umli fehma tal-esponent, l-imputat appellat kien fil-fatt qiegħed jagħmel użu minn din il-borehole u kien qiegħed ex admissis itella ilma minnha. B'hekk peress li huwa ma kienx liċenzjat jew awtorizzat jagħmel dan, huwa kien fi stat ta' ksur ta' din il-Liġi.

Ikkunsidrat

17. Dan l-appell huwa kemm dwar l-apprezzament ta' fatti kif ukoll dwar l-interpretazzjoni ta' żewġ liġijiet.

18. Dwar l-interpretazzjoni ta' fatti ġie ripetutament ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, normalment ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti, sakemm

'din il-Qorti ma tqisx li l-konklużjoni tal-ewwel Qorti tkun "unsafe and unsatisfactory", u dana fis-sens li fuq il-provi li jkollha quddiemha l-Ewwel Qorti u li jkunu jinsabu traskritti fil-process, hi suppost li ma tkun qatt waslet għall-konkluzjoni ta' htija li tkun waslet ghaliha. U dana ghaliex ghax kif gie ritenut mill-Qrati Ingliżi :-

"..assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case, with the conclusion of the learned Magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed." (Rex. v. Cooper (1969) 1 QB 276 per Lord Chief Justice Widgery – Blackstone's Criminal Practice (1991) p.1392 ċitat b'approvazzjoni fl-appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" (23.5.02 ).

19. S'intendi il-prinċipju f'din is-silta għandu jgħodd ukoll f'każ fejn il-Prosekuzzjoni qed tappella għax jidhrilha li mill-provi l-appellat kellu jinstab ħati.

20. L-eżami li għandha tagħmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mal-konkluzjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti, izda jekk dik il-konklużjoni l-Ewwel Qorti setghetx ukoll tasal ghaliha "safely" fuq il-provi li kellha quddiemha. Sa hawn jasal l-ezercizzju revizjonarju ta' din il-Qorti meta si tratta ta' apprezzament ta' fatti.'

21. Il-Qorti għalhekk għamlet somamrju tax-xhieda li tinsab f'dan il-proċess.

22. L-ewwel xhud kien Manuel Sapiano li jaħdem mal-Awtorita' ta' Malta dwar ir-riżorsi. Fis-27 t'April 2004 huwa mar fil-fond li jinsab Alley 1 Hal-Lija b'żewġ bibien jagħtu fuq toroq differenti. L-imputat huwa l-proprjetarju tal-

ġnien. Huma kienu sabu borehole u li kien jittella' l-ilma minnha u li ma kenitx reġistrata taħt l-Avviż Legali 120 tas-sena 1997. L-ilma jidher li qed jintuża għaliex is-siġar dehru fi stat tajjeb. Meta l-borehole ma tkunx reġistrata l-Awtorita' tirrakkomanda li din tingħalaq.

23. Fil-kontro-eżami huwa qal li ma rax swimming pools u ma hemmx min fejn jdiħol truck f'dan il-ġnien. Meta mar fuq il-post hwua ma kienx ra l-ilma jintuża. Ix-xhud ra bokka mal-art li kienet koperta. Ma saru ebda eżamijiet fuq din it-toqba. Fl-1997 il-Malta Resources Authority kienet għadha ma twaqqfitx. Meta din twaqqfet, ħadet ir-records minn għand il-Water Services Corporation. Kien hemm applikazzjonijiet li saru wara s-sebat ijiem mogħtija fl-Avviż Legali 10 tas-sena 1997. Skont dan l-Avviż Legali min jirreġistra borehole ma jkollu ebda dritt li jtella' l-ilma.

24. Fis-16 ta' Jannar 2009 reġa' xehed Manuel Sapiano u kkonferma li l-appellat irreġistra s-sors tal-ilma fit-22 t'Ottubru 2008. (DOK MS 1).

25. It-tieni xhud kien SM 38 Paul Zahra li ippreżenta current incident report tas-27 t'April 2004 magħmul minn ċertu Alfred Falzon, ġar tal-appellat, li l-imputat kien qed jiftaħ l-ilma fil-ġardina tiegħu u minħabba f'hekk kien qed jidħollu ħafna ilma. L-istess Alfred Falzon kien irrapporta li l-appellat kellu borehole illegali. (Dok PZ1).

26. It-tielet xhud kien Alfred Falzon (fol 54). Dan qal li kien ġej l-ilma għaleix il-propjeta' tiegħu u dik tal-appellat imissu ma' xulxin. Huwa seta' jinduna li l-ilma kien ġej minn għand l-appellat permezz tar-rewwieħa. L-ilma kien ġej minn ġo pajp.

27. Ir-raba' xhud kien is-sur Vincent Ciliberti li qal li jaf li kien hemm borehole fuq il-post imsemmi iżda hu ma rahiex tintuża. (fol 58). Jaf li kien hemm xi ġwiebi minn dak li qallu l-Ispettur Farrugia. Filfatt ma rax jekk il-ġwiebi kinux mimlijin. Fil-ġnien kien hemm ħafna ilma.

28. Il-ħames xhud kien Dr John Mangion, direttur tal-Awtorita' Matija dwar ir-riżorsi (fol 61). Il-liċenzji li kienu

joħorġu dak iż-żmien dwar l-ilma kienu dawk taħt l-Att dwar is-Swimming Pools. Jekk ridt issaqqi mill-ilma ma kienx hemm bżonn ta' liċenzji, sa fejn kien jaf hu. (fol 62). L-Awtorita' kienet l-unika waħda li setgħet toħroġ dawn il-liċenzji.

29. Fil-kontro-eżami huwa qal li min kellu borehole kellu jirreġistrha taħt ir-regolamenti tas-sena 1997 fiż-żmien mogħti mill-Avviż legali. Huwa qabel mad-difiża (li reġgħet interveniet waqt il-kontro-eżami) li l-Avviż Legali tas-snea 1997 kien repealed fis-7 t'Ottubru 2008. Huwa qabel ukoll li r-reġistrazzjoni ta' borehole ma kinitx tintitolak għall-użu tal-ilma.

30. Il-Qorti eżaminat ukoll il-proċes-verbal tad-29 ta' Novembru 2005. Il-Perit Tekniku s-sur Vincent Ciliberti li qal li l-ġnien huwa madwar sitt itmiem, miżmum f'kundizzjoni tajba ħafna, b'numru ta' siġar tal-frott u numru ieħor ta' gaġeġ u tjur. Il-ġnien kien xtrah l-appellat xi għoxrin sena qabel (il-kuntratt juri d-data 23 t'Awwissu 1976) u mbagħad għaddieh lis-soċjeta' Ruggier Holdings Company Limited. Il-borehole kienet teżisti meta xtara l-ġnien u allura huwa ma kienx għamel il- borehole li hija s-sors tal-ilma (fol 10).[1]

31. Rat ukoll ir-ritratti meħudin mill-espert is-sur Theo Vella speċjalment 04 BCU 112 u 04 BCU 109.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

32. L-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellat li huwa kiser l-artikoli 3, 4, u 8 tal-Avviż Legali 120 tas-sena 1997.

33. Din il-kawża tirreferi għad-data fis-27 ta' April 2004 u fix-xhur ta' qabel. Effettivament ir-regolamenti msemmija kienu fis-seħħ. Isegwi li kien hemm liġi in vigore. Mhux

[1] A fol 12 tal-proċess: 'Ftit distanza 'l bogħod hemm cover tal-plastic, speċi ta' manhole, li tgħatti l-borehole ta' cica telttax-il ċentimetru diametru, f'liema borehole niżel pipe tat-30mm u bih permezz ta' pompa jittella l-ilma u possibilment permezz ta' submersible pump fil-borehole....Illi l-kwalita' tal-ilma mhux magħrufa, ossia hekk hux verament ta' kwalita' tajba ħafna jew hux brackish u b'livell ta' salinita' għolja.

kontradett li fiż-żmien imsemmi kien hemm liġi li tirregola r-reġistrazzjoni ta' boreholes.

34. Li ġara kien li fil-mori tal-kawża ħareġ l-avviż numru 255 tas-sena 2008. Skont l-artikolu 3 ta' dan ir-regolament:

'Kull sors tal-ilma ta' taħt l-art li ma jkunx ġie reġistrat skont ir-Regolamenti tal-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Sorsi tal-Ilma ta' taħt l-Art, għandu jiġi notifikat lill-Awtorita' minn kull utent ta' dak is-sors tal-ilma ta' taħt l-art sas-6 ta' Novembru.'

35. Fl-istess regolamenti jidher dan li ġej:

'9. Ir-regolamenti tal-1997 dwar Sorsi tal-Ilma ta' taħt l-Art qegħdin hawn jiġu mħassra.'

36. Minn dawn iż-żewġ regolamenti jirriżulta

(a) li l-Leġislatur ried jagħti ċans ieħor lil min ma kienx irreġistra qabel biex jikkonforma ruħu mal-liġi. (U fil-fatt hekk għamel l-appellat).

(b) li l-Leġislatur ma mexiex mal-prassi ta' 'Repeal and Saving' li normalment tkun inkluża sabiex jekk ikun hemm proċeduri pendenti dawn ikun jistgħu jitkomplew. Per eżempju, meta sar l-Att numru 1 tas-sena 1992, l-artikolu 63 tiegħu ħassar ċerti artikoli tal-Kap 10 (Kodiċi tal-Pulizija) li issa kienu koperti bl-Att il-ġdid iżda ipprovda wkoll sabiex il-proċeduri pendenti ta' min kien bena bla permess jibqgħu sejrin.

37. Il-pożizzjoni legali issa ġiet li individwu qed jingħata ċans ieħor biex jikkonforma ruħu waqt li ma sarx provvediment ad hoc biex dak li nbeda taħt l-Avviż Legali 120 tas-sena 1997 jibqa' sejjer.

38. Dwar x'jiġri f'sitwazzjoni bħal din hekk jikkummenta l-Professur Mamo fl-Ewwel Parti ta' 'Notes on Criminal Law' paġna 32:

‘An apparent exception to the rule that a penal law cannot have retrospective effect occurs where a new law enacted after the commission of the offence is less severe or more advantageous to the offender than the law in force at the time the offence was committed.

The hypothesis is twofold:-

a) The law against which the offence was committed is subsequently repealed, so that the act is no longer criminal;

b) The law against which the offence was committed is subsequently amended or changed so that, though the act is still criminal, the punishment or the conditions of liability and prosecution are varied.

**The principle accepted in continental doctrine and practice, and which we follow in this matter, is that, if the law on which the charge is framed is repealed without any qualification while the proceedings are still pending, such proceedings fall to the ground and no sentence against the accused can be pronounced.’**

39. Issa fis-sitwazzjoni tal-każ li għandha quddiemha llum huwa tassew li l-Leġislatur xorta ried li ssir ir-reġistrazzjoni tal-boreholes u mkien ma qal li issa tista’ ma tirreġistrax borehole.. Iżda ir-regolament 3 tal-Avviż Legali 255 tas-sena 2008 ma jagħmel ebda distinzjoni bejn jekk il-borehole kentix teżisti qabel l-1997 jew jekk tħaffritx wara. Ir-regolament prattikament qed iħassar kull nuqqas li kien hemm jekk wieħed ma kienx irreġistra taħt ir-regolamenti ta’ qabel għaliex qed jistieden lil dak li jkun ma jibqax fi stat kontra l-Liġi. Ir-regolament huwa intiż biex il-Leġislatur ikollu aktar stampa ċara ta’ kull min għandu borehole biex ikun jista’ jfassal il-programm tiegħu dwar l-ilma iżda fl-istess ħin qed joħloq ċans lil dawk il-persuni li naqsu li jwettqu dmirhom qabel – ikun min ikun - biex jagħmlu dan. U dan ir-regolament ma jistax jinqara mod ieħor għax l-Istat ma jistax jobbliga lil xi persuna tinkrimina ruħha.

40. Iżda barra l-mod kif hu redatt ir-regolament numru 3, jibqa' l-fatt li l-Leġislatur ħassar ir-regolamenti ta' qabel bla ma għamel 'saving' dwar il-proċeduri pendenti. (Ara l-kwotazzjoni minn Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo aktar 'il fuq). Ġaladarba ir-regolamenti tal-1979 tħassru u ma sar ebda 'saving' tal-proċeduri m'hemmx liġi li fuqha jista' jkun proċessat l-appellat.

41. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali.

**It-Tieni Aggravju**

42. It-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li fil-provi hemm evidenza ċara biżżejjed li l-appellat kien qed itella' l-ilma. Hawn il-Qorti ser tittratta dan l-aggravju f'żewġ partijiet: il-parti fattwali u l-parti legali.

**Il-Parti Fattwali**

43. Dwar il-parti fattwali, l-Avukat Ġenerali jirreferi għal dak li qal l-appellat stess waqt l-aċċess. Bir-rispett kollu, l-Qorti eżaminat il-parti miktuba bl-idejn mill-espert imqabbad mill-Qorti u ma jirriżultax li l-appellat ingħata t-twissija li dejjem naraw fi stqarrijiet lill-Pulizija. Għalhekk ma tistax tistrieħ fuq dak li qal l-appellat waqt l-aċċess.

44. Dwar ix-xhieda ċirkostanzjali l-oħra (hawnhekk għandek ir-ritratti u x-xhieda kemm tal-perit tekniku Vincent Ciliberti kif ukoll ta' Manuel Sapiano) l-Ewwel Qorti qalet li 'mill-provi bl-ebda mod ma rriżulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat kien qed itella' l-ilma mill-borehole u jagħmel użu minn tali ilma.' Din il-Qorti ttendi li tgħid li l-prova ċirkostanzjali għandha twassal għall-konklużjoni li l-ilma kien qed jittella' mill-borehole. Iżda dan jibqa' suġġett għal dak li ser jidher fil-paragrafi segwenti fejn ser ikunu ezaminat il-punt legali.

**Il-Parti Legali**

45. Matul it-trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) id-difiża qajmet problema dwar l-interpetazzjoni tal-artikolu 26(1)(2) tal-Kap 423. Dan jgħid hekk:

‘26. (1) Sakemm ma jiġix preskritt mod ieħor, ħadd ma għandu jwettaq xi attività jew operazzjoni, jew ikun ingaġġat f ’xi attività jew operazzjoni tali, li tirrigwarda r-riżorsi ta’ l-enerġija, l-ilma u l-minerali kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza, permess jew awtorizzazzjoni oħra ta’ l-Awtorità taħt dan l-Att:

Iżda għar-rigward ta’ l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta’ idrokarburi, is-setgħa li jiġi eżerċitat il-ħruġ ta’ liċenza taħt dan l-Att għandha tkun bla ħsara għall-awtorizzazzjoni tal-Ministru skond l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Pitrolju.

(2) Kull min iwettaq xi attività bħal dik mingħajr liċenza jew li jaġixxi bi ksur ta’ xi kondizzjoni ta’ dik il-liċenza, jkun ħati ta’ reat u jista’ jeħel meta jinsab ħati multa ta’ mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.
.
(3) Bla ħsara gdad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma għandu jkun hemm ebda appell minn xi deċiżjoni ta l-Awtorità taħt is-subartikolu (1).

(4) Il-provvedimenti ta’ dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal xi ġiebja jew bir f’dar ta’ abitazzjoni, li jenħieġu li jiġu kostruwiti taħt xi liġi, u d-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu ma għandhomx jitqiesu li jeħtieġu xi liċenza jew permess għall-kostruzzjoni
u l-manutenzjoni ta’ xi ġiebja jew bir bħal dawk, b’dan illi din il-kostruzzjoni ma tipprekludix lill-Awtorità milli teżerċita xi waħda mill-funzjonijiet u s-setgħat taħt dan l-Att bil-għan li tiżgura li ma jinħeliex ilma jew jiġi użat ħażin u li ma ssir ebda ħsara fis-saff tal-akwifer jew band’oħra.

(5) Awtorizzazzjoni mogħtija lil persuna taħt dan l-Att m'għandhiex teżonera lil dik il-persuna mill-obbligu li għandha taħt il-liġi li tapplika għal kull awtorizzazzjoni oħra tkun kif tkun deskritta, jew minn kull obbligu ieħor li joħroġ minn xi liġi oħra.'

46. Id-difiża ssottomettiet (a fol 72) li l-liġi qed tgħid 'carry out any activity or operation or to be engaged in such activity or operation.' Minn din il-parti tal-liġi l-Malta Resources Authority trid tħares li ma ssirx xi tip ta' attivita', jiġifieri li wieħed iħaffer borehole, jibda jtella', jimla t-trakkijiet, jidba jdawwar, jibda jbiegħ, jibda jispekola u jibda jiddisturba r-riżorsa li għandu. Id-difiża hawnhekk għamlet referenza għal dak li xehed il-Kap tad-Direttorat tal-Ilma tal-Awtorita' Maltija li dan kien qal li l-liċenzji kienu joħorġu għaż-żamma ta' swimming pools taħt is-Swimming Pools Act. Skont id-difiża l-appellat ma kienx 'engaged in any activity or operation.'

47. L-Avukat Ġenerali ma' dan ma qabilx u qal li l-artikolu 26 tal-Kap 423 mhux limitat dwar l-użu tal-ilma għal swimming pools iżda wkoll għall-użu tal-ilma għal raġunijiet oħrajn. Ikompli jgħid hekk: 'Tinkludi użu ta' ilma għal swimming pools, pero' mhux biss – dan għaliex l-istess liġi ma tagħtix tifsira ta' attivita' jew operazzjoni.'

48. Il-Qorti l-ewwelnett tirrimarka li liċenzji dwar is-swimming pools joħorġu taħt l-Att dwar is-Swimming Pools u mhux taħt dan l-Att.

49. L-Avukat Ġenerali jissottometti korrettement li l-artikolu 26 tal-Kap 423 ma jagħtix definizzjoni ta' attivita' jew operazzjoni.

50. L-Att jiddefinixxi x'inhi 'enerġija', 'mineral resources' u 'ilma' fl-artikolu 2. Dwar l-ilma d-definizzjoni tgħid hekk:

'water' when used in realtion to any practice, operation or activity which is regulated by this Act shall include

drainage and sewage services, but shall not include bottled water.

51. Il-kliem ‘activity’ u ‘operation’ jidhru wkoll fid-definizzjoni tal-kelma ‘awtorizzazzjoni’ (Regolament 2). Il-kelma ‘activity’ tidher darbtejn fid-definizzjoni ta’’authorisation scheme’. Fir-regolament 4(1)(a)(b)(e)(j)(k) jidhru l-kelmiet ‘operations and activities’.

52. Il-Concise Oxford English Dictionary (1991) jagħti din id-definizzjoni ta’ ‘activity’: ‘(often in plural) a particular occupation or pursuit’ waqt li tal-klema ‘operation’ jgħid hekk: ‘the action or process or method of working or operating’; ‘the state of being active or functioning; a discharge of a function (the operation of breathing).’

53. Il-Qorti eżaminat l-użu tal-kelmiet fil-kuntest fejn jidhru. Is-subinċiż (5) żdied fis-sena 2007. Mill-bqija minn meta daħal fis-seħħ dan l-Att, dan l-artikolu kien mibdul darba biex iċ-ċifra li kienet tidher f’Liri Maltin tinqaleb f’Ewros.

54. Il-Qorti eżaminat il-proviso taħt l-ewwel subinċiż. Dan jirreferi għall-esplorazzjoni u produzzjoni taż-żejt. Dan il-proviso jurik li l-attivita’ u l-operazzjonijiet li għalihom jirreferi l-ewwel subinċiż huma intiżi biex ikopru xi mod ta’ kif wieħed jista’ jipproduċi l-enerġija, l-ilma, jew ir-riżorsi minerali.

55. Is-subinċiż (4) jkompli jsaħħaħ din il-fehma. Dan is-subinċiż huwa limitat għall-kostruzzjoni jew manteniment ta’ bir li nsibuh ġo dar u li biex tibnih jew biex tagħmel il-manteniment m’għandekx bżonn ta’ ebda liċenzja taħt dan l-artikolu. Imkien ma jissemma t-tlugħ tal-ilma.

56. Saħansitra d-definizzjoni ta’ ‘ilma’ mogħtija aktar ‘il fuq turi kemm il-kliem użat f’dan l-Att huwa wieħed tekniku.

57. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-artikolu 26 tal-Kap 423 mhux intiż biex ikopri l-użu tal-ilma mill-borehole (jew biex ittella’ l-ilma mill-borehole) iżda mid-diċitura tiegħu huwa intiż biex jikkontrolla lil min bl-attivita’ tiegħu jew b’xi operazzjoni qed ifittex l-ilma, l-enerġija jew ir-riżorsi

minerali.  M'hemm ebda prova fil-proċess li l-appellat kien qed iħaffer għall-ilma.  Anzi hu stess qal li kien sab din il-borehole meta xtara l-post fl-1976. Jekk l-appellat kien tassew qed jieħu l-ilma mill-borehole, il-Prosekuzzjoni kellha takkużah b'xi dispożizzjoni oħra taħt din il-Liġi jew taħt wieħed mit-48 Avviż Legali li hemm taħt din il-Liġi jew taħt xi dispożizzjoni taħt xi Liġi oħra.

58. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali.

**Konklużjoni**

59. Il-Qorti qed tiċħad l-aggravji tal-Avukat Ġenerali u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fit-22 t'Ottubru 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------